**KUNSILL LOKALI MUNXAR**
Triq Profs Ġużè' Aquilina
Munxar MXR1012

**Laqgħa Numru 1/07(04_04_07).**

Minuti ta' l-ewwel laqgħa tal-ħames Kunsill li saret nhar l-Erbgħa, 4 t' April 2007, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Munxar.

Il-Kunsill iltaqa' fit-3.30 ta' filgħaxija.

Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Kunsillier.
Is-Sur Saviour Spiteri - Kunsillier.
Is-Sur Mario Emanuel Camilleri - Kunsillier.
Is-Sur Patrick Grima - Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fit-2 t' April 2007.

1. Konferma tas-Sindku.
2. Konferma tal-Viċi-Sindku.
3. Ħatra taċ-*Chairman* tal-Kumitat tax-Xlendi.
4. Ħatra tar-Rappreżentant u Sostitut fuq il-*Joint Committee* (Gwardjani Lokali).
5. Ħarta tar-Rappreżentant u Sostitut fuq il-*Joint Committee* (Lampi tat-Toroq).
6. Il-Bajja tax-Xlendi.
7. Materji oħra.

Il-Kunsill kien immexxi mis-Sinjura Carmen Said, il-Kunsillier l-aktar anzjan. Hija awgurat lill-Kunsilliera kollha sabiex jaħdmu għall-ġid tal-lokalita'.

**1.00 Konferma tas-Sindku.**

1.01 Is-Sur Joseph Sultana ntalab jikkonferma jekk jaċċettax il-kariga ta' Sindku. Huwa aċċetta u ffirma l-aċċettazzjoni tal-kariga bħala Sindku.
Il-laqgħa bdiet titmexxa mis-Sindku Joseph Sultana. Huwa wiegħed li ser jikkopera ma' kulħadd għall-ġid tal-lokalita' ta' Munxar u Xlendi.

**2.00 Konferma tal-Viċi-Sindku.**

2.01 Is-Sur Saviour Spiteri ntalab jikkonferma jekk jaċċettax il-kariga ta' Viċi-Sindku. Huwa aċċetta u ffirma l-aċċettazzjoni tal-kariga ta' Viċi-Sindku. Is-Sur Spiteri qabel mad-diskorsi li saru minn ta' qablu u awgura li dan il-Kunsill jaħdem għall-ġid tal-lokalita'.

**3.00 Ħatra taċ-*Chairman* tal-Kumitat tax-Xlendi.**

3.01 Is-Sindku ppropona lis-Sur Mario Emanuel Camilleri bħala ċ-*Chairman* tal-Kumitat tax-Xlendi. Kien hemm qbil unanimu. Is-Sur Camilleri rringrazzja lill-membri tal-fiduċja li wrew fih.

**4.00 Ħatra tar-Rappreżentant u Sostitut fuq il-*Joint Committee* (Gwardjani Lokali).**

4.01 Is-Sur Mario Emanuel Camilleri ppropona lis-Sindku sabiex jirrappreżenta lill-Kunsill fil-*Joint Committee* (Gwardjani Lokali). Kien hemm qbil unanimu.

4.02 Is-Sindku ppropona lis-Sur Mario Emanuel Camilleri bħala s-Sostitut fil-*Joint Committee* (Gwardjani Lokali). Kien hemm qbil unanimu.

**5.00 Ħatra tar-Rappreżentant u Sostitut fuq il-*Joint Committee* (Lampi tat-Toroq).**

5.01 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi ħadd interessat għal dan il-post u s-Sur Saviour Spiteri wera x-xewqa għal dan il-post. Huwa ġie ppropontut mis-Sindku u kien hemm qbil unanimu.

5.02 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi ħadd interessat li jkun Sostitut tar-Rappreżentant fil-*Joint Committee* (Lampi tat-Toroq). Is-Sur Patrick Grima wera x-xewqa u għaldaqstant is-Sindku ppropona lis-Sur Patrick Grima bħala Sostitut tar-Rappreżentant fil-*Joint Committee* (Lampi tat-Toroq).

**6.00 Il-Bajja tax-Xlendi.**

6.01 Is-Sindku nforma li diskussjoni dwar il-Bajja tax-Xlendi ssir f' laqgħa oħra peress li bħalissa xi membri xtaqu jattendu għal funeral li kien diġa' beda. Is-Sindku staqsa jekk hemmx qbil biex bħalma ġara s-sena l-oħra l-Kunsill jixtri żebgħa biex issir manutenzjoni mill-*Beach Cleaners* fix-Xlendi. Kien hemm bdil dwar dan.

**7.00 Materji oħra.**

7.01 Is-Sinjura Carmen Said ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li fejn kien hemm l-ex-Andar Hotel qed titħaffer toqba fonda u ma nbeniex *boundary wall* iżda tpoġġew xi blat. Hija ssuġġerit li l-iżviluppatur jintalab biex jibni *boundary wall* dobblu. Is-Sindku kien ser ikellem lill-iżviluppatur.

7.02 Is-Sur Saviour Spiteri semma dwar bank li kien hemm fuq bankina fi Triq Munxar u ġie deċiż li din il-materja tiġi diskussa fl-laqgħa oħra.

Il-laqgħa spiċċat fit-3.50 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar il-Ħamis, 12 t' April 2007 fl-4.00pm

| | |
|---|---|
| **Joseph Sultana** | **Anthony Grech** |
| ***Sindku.*** | ***Segretarju Eżekuttiv.*** |